

Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 64

22 ta' Jannar 2021

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

DEĊIJONIJIET

- ★ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/47 tad-21 ta' Jannar 2021 li tissostitwixxi membru tal-Kumitat previst fl-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea 1

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Attie mhux leġiżlattivi)

DEĊIJONIJIET

ID-DEĊIJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/47**tad-21 ta' Jannar 2021****li tissostitwixxi membru tal-Kumitat previst fl-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tieni paragrafu tal-Artikolu 255 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-inizjattiva tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' Diċembru 2020,

Billi:

- (1) Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ġie stabbilit Kumitat sabiex jagħti opinjoni dwar l-idoneità tal-kandidati biex jaqdu d-dmirijiet ta' Mħallef u ta' Avukat Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali qabel ma l-Gvernijiet tal-Istati Membri jagħmlu l-ħatriet (il-“Kumitat”).
- (2) Il-Kumitat jikkonsisti minn seba' persuni magħżula minn fost membri preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali, membri ta' qrati supremi nazzjonali u avukati ta' kompetenza rikonoxxuta, li wieħed minnhom għandu jiġi propost mill-Parlament Ewropew.
- (3) Permezz tad-Deċiżjonijiet (UE, Euratom) 2017/2262 (¹) u (UE) 2020/539 (²), il-Kunsill ġatar is-seba' membri tal-Kumitat għal perijodu li jintemm fit-28 ta' Frar 2022.
- (4) Permezz ta' ittra tal-11 ta' Frar 2020, is-Sur Simon BUSUTTIL, membru tal-Kumitat propost mill-Parlament Ewropew, informa lill-Kunsill dwar ir-riżenja tiegħu.
- (5) Fis-26 ta' Novembru 2020, il-President tal-Parlament Ewropew informa lill-President tal-Qorti tal-Ġustizzja bix-xewqa tal-Parlament Ewropew li jaħtar lis-Sinjura Julia LAFFRANQUE bħala membru tal-Kumitat.
- (6) Permezz ta' ittra tat-2 ta' Diċembru 2020, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ppropona l-ħatra tas-Sa Julia LAFFRANQUE biex tissostitwixxi lis-Sur Simon BUSUTTIL bħala membru tal-Kumitat għall-bqija tal-mandat tiegħu, fkonformità mal-punt 3 tar-regoli dwar il-funzjonament tal-Kumitat kif jinsabu fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/124/UE (³),

(¹) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2017/2262 tal-4 ta' Diċembru 2017 li taħtar membri tal-Kumitat previst mill-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 324, 8.12.2017, p. 50).

(²) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/539 tal-15 ta' April 2020 li tissostitwixxi l-President tal-Kumitat previst fl-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 122, 20.4.2020, p. 1).

(³) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/124/UE tal-25 ta' Frar 2010 dwar ir-regoli ta' funzjonament tal-Kumitat previst fl-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 50, 27.2.2010, p. 18).

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

Artikolu 1

Is-Sa Julia LAFFRANQUE hija b'dan maħtura membru tal-Kumitat previst fl-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, għal perijodu li jintemmi fit-28 ta' Frar 2022.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-publikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, id-21 ta' Jannar 2021.

*Għall-Kunsill
Il-President
A. P. ZACARIAS*

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Ufficċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT